# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it- Tnejn, 22 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Nru: 149/2014JPG**

**Kawza Nru: 12**

**V & C Contractors Limited (C 13748)**

**-vs-**

**Tlata Limited (C16319)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta' V & C Contractors Limited (C 13748) datat 17 ta' Frar, 2014 (Vide Fol 1 et seqq.), li jaqra hekk:

*"Tesponi bir-rispett u Vincent Borg (ID 361567M) direttur tal-esponenti in rappreżentanza tal-istess, bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

*1. Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf disa' mija u sitta u disgħin* euro *u ħmistax-il ċenteżmu (€ 49,996.15) rappreżentanti bilanċ fuq kont kurrenti li s-soċjetà konvenuta kellha mas-soċjetà attriċi (Dok. "VC1") u mill-iStatement maħruġ mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi li jikkonferma l-*opening balance *dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi (Dok. "VC2") u kif ukoll mill-*credit note *maħruġa minn* Fratelli Magro Limited *a favur tal-esponenti fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta. (Dok. "VC3").*

*2. Illi għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.*

*3. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf disa' mija u sitta u disgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 49,996.15) rappreżentanti bilanċ fuq kont kurrenti li s-soċjetà konvenuta kellha mas-soċjetà attriċi kif premess.*

*2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disgħa u erbgħin elf disa' mija u sitta u disgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 49,996.15), dovut kif premess.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment preżentat, oltre l-imgħaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Frar 2009 sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-soċjetà konvenuta rappreżentanti ta' liema huma minn issa inġunti għas-*subizzjoni *tagħhom."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Tlata Limited (Vide Fol 10) datata 4 ta' Marzu 2014 li taqra hekk:

*Illi fl-ewwel lik it-talbiet huma preskritti ai termini tal-Ligi in partikolari artiklu 2149 (a) tal-kap 16;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa kollu imhallas u l-esponenti ma ghandu jaghti xejn;*

*Illi s-socjeta' attrici qatt ma forniet lis-socjeta' intimata b'ircevuti fiskali u ghalhekk din hija raguni ohra ghax is-somma mhiex dovuta."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Kevin Callus a fol 29 et seqq, 59A et seqq, 79A et seqq u, a fol 89 et seqq:** xehed illi huwa segretarju mad-Direttur tas-socjeta rikorrenti u parti minn xogholu huwa li johrog il-kontijiet. Mistqosi jispjega kif jahdmu mas-socjeta ntimata, spjega illi s-socjeta rikorrenti kienet hadet xi materjal minghand is-socjeta ntimata, u cioe gebel fin li jintuza qabel ma jitpogga t-tarmac u radam, u krew xi ngenji u ghamlu xi xogholijiet ta' skavar lis-socjeta ntimata, u b'hekk kellhom sistema ta' tpacija bejniethom, u x'hin irrikoncilja l-kontijiet fl-2011, irrizultalu li hemm ammont dovut lilhom mis-socjeta ntimata. Qal illi dawn il-kontijiet jirrisalu ghas-sena 2008, u li sar xi *set off* fl-2011.

Rigward id-dokument mmarkat VC2 xehed illi dan inhareg f'Gunju 2008 u skont dan il-kont, is-socjeta ntimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €40,000, pero li wara li saret *set off,* il-bilanc rimanenti dovut lis-socjeta rikorrenti fuq dan il-kont huwa ta' €25,565.51, oltre l-VAT. Mistoqsi jispjega s-somma pretiza fir-rikors guramentata spjega, illi €29,565.51 huwa dovuti wara li gew rikonciljati l-kontijiet tas-socjetajiet kontendenti, u r-rimanenti €20,000 huwa dovut ghal VAT fuq il-kontijiet kollha tax-xoghol li sar. Xehed illi Paul ta' Tlata dejjem kien jinsisti mieghu li ser ihallas, u qatt ma kien ikkontesta l-ammont. Rigward id-dokument mmarkat KC1 xehed illi dan huwa l-ahhar rendikont li kien ircieva minghand is-socjeta ntimata. Rigward id-dokument sussegwenti, xehed illi dan jirrigwarda il-bilanc li kien ghadu dovut wara li sar is-*set off* ,kif ukoll ammont dovut ghaliex kienu gew forniti b'xi materjali ohra.
B'referenza ghat-tielet eccezzjoni tas-socjeta ntimata, xehed illi kien hemm ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti illi kif is-socjeta rikorrenti tithallas il-bilanc rimanenti wara li saret it-tpacija, tohrog ricevuta fiskali wahda, kif jirrizulta mill-ittra tat-8 ta' Novembru 2011 immarkata bhala Dok KV15, u l-ittra tal-4 ta' Awissu 2011 immarkata bhala Dok KC16. Ikkonferma li ma thallas l-ebda ammont mis-socjeta ntimata fil-mori tal-kawza. Xehed illi l-VAT fuq il-kontijiet kollha tas-socjeta ntimata tammonta ghal €24,430.64.

**In kontro-ezami** ikkonferma illi meta kienu waslu ghat-tpacija, s-socjeta rikorrenti ma hargitx ricevuti fiskali lis-socjeta ntimata peress illi l-ftehim kien li tohrog ricevuta fiskali wahda, wara li jigi saldat il-bilanc kollu dovut lis-socjeta rikorrenti. Mistoqsi rigward ir-ricevuti li s-socjeta ntimata tat lis-socjeta rikorrenti, ikkonferma li dawn kienu jinkludu l-VAT. Rigward id-dokument mmarkat VC3 a fol 7 xehed illi kienet ser issir *set off,* u cioe s-socjeta rikorrenti hadet xi xoghol minghand Fratelli Magro u l-ammont dovut mis-socjeta rikorrenti lil Fratelli Magro kien ser jitnaqqas mill-ammont dovut mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti, izda s-socjeta ntimata qatt ma ffirmat.

B'referenza ghal fatt illi l-VAT thallas fil-15 ta' Novembru 2014, u mistoqsi meta saru x-xogholijiet xehed illi ghalkemm ma jiftakax id-data ezatt, zgur li saru iktar minn erbgha jew hames snin ilu, u zied, li dak iz-zmien kienet harget *payment request* mhux *invoice.* Xehed illi l-ammont tnizzel fil-VAT return fl-2014 ghaliex l-*invoice* johrogha wara li jsir il-hlas.

**In ri-ezami** xehed illi hadd mis-socjeta ntimata ma kien talab ricevuta, u ma kienux irrispondew ghall-ittra tal-2011 rigward il-kwistjoni li l-ircevuta fiskali tohrog meta jithallas l-ammont kollu dovut.

**Vincent Borg a fol 38 et seqq,** xehed illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta rikorrenti. Mistoqsi jispjega l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti f'din il-kawza, xehed illi s-socjeta ntimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €25,000 ta' xogholijiet li s-socjeta rikorrenti ghamlet ghaliha, li huwa l-bilanc dovut wara li saret tpacija mal-ammont li kien dovut mis-socjeta rikorrenti. Mistoqsija jispjega f'xiex kien jikkonsisti x-xoghol li ghamlet is-socjeta rikorrenti, spjega illi dan ix-xoghol jikkonsisti fi thammil, skavar u kiri ta' makkinarju u garr ta' materjal minn go barrier ghal go barrier ohra. Ikkonferma li l-ammont ta' €49,964 huwa filfatt dovut lis-socjeta rikorrenti, u zied illi Paul Falzon dejjem kien jghidlu li ser ihallsu, u qatt ma kkontesta l-bilanc dovut. Qal li filfatt kien ghadu kif tkellem mieghu dwar il-bilanc dovut xi tliet xhur qabel meta ltaqa' mieghu, hu u hiereg minn Smart City Complex, u meta kien insista, ghall-hlas Falzon kien hareg *revolver* u qallu li jaqbillu jitlaq. Qal ukoll illi xi xahar u nofs qabel kien rega ltaqa' ma' Falzon is-Serkin u meta kien semmielu l-ammont dovut Falzon kien aggredih u tah daqqa ta' ponn u kienu intervjenew il-pulizija tar-Rapid Intervention Unit. Rigward il-kwistjoni tal-VAT, xehed illi s-socjeta ntimata ghandha kollox in ordni mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, u zied li ma kienx ghadu hareg ricevuta fiskali ghaliex kien jaf illi Falzon kien ser jipprova jtawwal iz-zmien biex minghalih ma jhallasx il-bilanc rimanenti ta' €25,000.

**Vincent Borg a fol 101A et seqq**, xehed b'referenza ghad-dokument illi jinsab a fol 103 sa 113 illi huwa kien icempel lil Paul Falzon fuq il-mobile tieghu u dokument minnu ezebit jindika it-telefonati kollha illi huwa ghamel lil Paul Falzon,li fihom l-istess Falzon kien jghidlu illi ser ihallas izda l-kontijiet qeghdin ghand l-*accountant* tieghu, jew ghand it-tifla jew ghand l-iskrivana. It-telefonati rilevanti huma kollha *high lighted* bil-kulur isfar.

**Charles Borg a fol 59J et seqq,** xehed illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta rikorrenti u qal illi hu kemm il-darba kellem lil Paul Falzon rigward ix-xoghol lis-socjeta rikorrenti kienet ghamlet lis-socjeta rikorrenti, u cioe tqattiegh ta' blat iz-Zurrieq u Pembroke u hidma fil-barriera tas-socjeta ntimata. Qal illi Falzon dejjem kien jghidlu li issa jirrangaw.

**Ian Magri a fol 97 et seqq,** xehed illi huwa direttur ta' Asfalt Ltd u Fratelli Magro Limited. Spjega li Asfalt Ltd kellha taghti lis-socjeta ntimata xi flus u kienu ghamlu *voucher* biex is-socjeta ntimata tghaddi l-materjal direttament lis-socjeta rikorrenti peress li Asfalt Ltd kellha taghti lis-socjeta ntimata u tircievi minghand is-socjeta rikorrenti. Rigward id-dokument a fol 7, xehed illi dan kien l-istess tip ta' ftehim, izda li din id-darba kien jinvolvi s-socjeta Fratelli Magro Limited. Xehed illi minn naha taghhom, kienu taw l-awtorizazzjoni biex ikunu jistghu idawwru l-flus, izda mbaghad ma jafx x'gara bejniethom.

**In kontro-ezami** xehed illi ma jiftakarx minn kien ta l-istruzzjoni biex isir it-tpacija tad-dejn indikat fil-dokument a fol 7:

**Paul Falzon a fol 119 et seqq,** xehed illi is-socjeta ntimata hija *sub-contractor* u tiehu x-xoghol minghand il-kuntratturi u jekk ikollha wisq xoghol, bil-ghan li tlahhaq dan ix-xoghol, tghaddi xi xoghol lil nies ohra. Spjega illi s-socjeta ntimata kienet hadet bicca xoghol li kien jikkonsisti fi tqattiegh ta' blat lil xi hadd il-Maghtab minn Sammut Concrete Supply u peress li s-socjeta ntimata ma kellhiex cans, kienet qabbdet lil min kellu jissupliha b'xi radam, biex taghmillu x-xoghol tal-qtugh tal-blat bir-rata ta' Lm4.75 ghal kull jarda kwadra, u b'kollox kien hemm 3,114 il-jarda kwadra. Xehed illi ghall- ewwel kienu qed jaqblu fuq l-ammont, izda mbaghad is-socjeta rikorrenti bdiet idahhal it-*trimming* tal-hajt, u r-rampa, avvolja dan ma kienx skont il-ftehim, u ghalhekk Falzon ikkonferma li ma kienx qed jaqbel mal-*items* numru 3 l-isfel tal-kont. Spjega illi lanqas ma jaqbel mal-kontijiet rigward it-*trimming* tal-hajt, il-kiri tal-*caterpillar* u in-numru tat-*trips*, **ghaliex is-socjetajiet kontendenti kienu ftehmu prezz fuq il-kejl** u ghalhekk is-socjeta rikorrenti kellha timxi ma dan il-prezz miftiehem. Qal li ghalhekk hu qed jaqbel mal-**Lm14,000 qtugh tal-blat**, pero m'hu qed jaqbel ma xejn iktar fuq il-kont, u allura hemm diskrepanza ta' **kwazi Lm3,000**.

Fir-rigward tal-kont relattiv ghax-xoghol li sar Pembroke, xehed illi s-socjetajiet kontendenti kienu ftehmu li s-socjeta rikorrenti tiehu blat tal-qawwi l-barriera tas-socjeta ntimata, izda minflok marret tbieghu, u ghalhekk suppost kellhom jaghmlu *set off* u s-socjeta rikorrenti ma tithallasx peress illi kienet bieghet il-blat. Mistoqsi kemm hu l-prezz tal-blat tal-qawwa xehed illi hu jixrih **ghal Lm1 it-tunnellata, jaghti Lm1 lil burdnara** meta jgibuh il-barriera tieghu, **imbaghad wara li jkissru ibieghu €7 il-jarda**. Fir-rigward tal-kont taz-Zurrieq xehed illi l-ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti kienet li s-socjeta rikorrenti tqatta l-blat pero s-socjeta ntimata zammet *extra* il-ghaliex qed tippretendi hlas talli nehhiet ir-rampa, haga li ma kienetx mifthema u ghalhekk Falzon qed jikkontesta l-ammont ta' **Lm900** minn dan il-kont.

Spjega illi barra minn hekk, kull darba li kien jiltaqa ma' tas-socjeta ntimata kien jitlobhom biex jibghatulu *invoices* bil-VAT, ghaliex dejjem kienu jibaghtulu *invoices* minghajr VAT, tant illi kien heddidhom li kien ser jirraportahom lil tal-VAT. Qal illi biex jaghmlu *set off*, is-socjeta rikorrenti kienet damet xi hames snin, waqt li hu kull xahar biex jibaghtlu l-karta bil-VAT. Xehed illi kieku s-socjeta rikorrenti kienet tibghat l-*invoices* bil-VAT, **is-socjeta ntimata kienet tkun tista' taghmel claim ta' €16,804 bhala spejjez, apparti li jdahluha bhala spejjez u jiffrankaw €32,000 ohra taxxa**. Fir-rigward tal-*credit notes* xehed illi dawn ma johorgux bil-*letter head* ta' min ghandu jiehu. Spjega li s-sistema tal-*credit note* tahdem billi min ghandu jiehu, johrog *credit note* bil-*letter head,* tawtorizza lil min tkun trid tiehu l-flus minghandu, u hu jiffirma biex jaghti il-flus lil min ikun irid jithallas minghand il-persuna li harget il-credit note. Xehed illi t-tliet persuni involuti jiffirmaw u jzommu kopja kull wiehed, **u qal illi l-*credit note* a fol 45 tant hi falza li lanqas numru m'ghandha.**

**In kontro-ezami, a fol 131 et seqq,** u b'referenza ghad-dokument a fol 139 xehed illi l-barriera li tissemma f'dan id-dokument hija l-barriera tieghu tar-Rabat, ghaliex din hija l-unika barriera li ghandu. Ma qabilx illi r-rata li ftehmu dwarha kienet tinkludi li tiehu hsieb is-socjeta rikorrenti u tordom fejn trid, u spjega li li kieku l-ftehim kien hekk, ir-rata kienet tkun aktar gholja minn dik miftiehma, ghaliex minflok bil- Lm2.90 kienet tkun Lm5.90 jew Lm6, u ghamel referenza ghad-dokument a fol 141 biex juri li meta l-ftehim kien hekk, ir-rata kienet ta' Lm4.75 mhux Lm2.90. Rigward id-dokument a fol 146, spjega illi kellu ftehim ma' Polidano Brothers Limited, illi ta' Polidano jwaddbu skart fil-barriera tas-socjeta ntimata, u s-socjeta rikorrenti kellha ggorru dan l-iskart. Ghalhekk jekk fid-dokumenti, ma thallsitx, Polidano Brothers Limited kienet responsabbli mhux is-socjeta ntimata. Fir-rigward tad-dokument a fol 148, xehed illi hu m'ghandux ihallas ghall-gaffa mikrija, kif ukoll ghall-vjaggi u ghalhekk ghandu jhallas tat-truck biss.

Qal illi s-socjeta ntimata hallset lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' **€110,000** u ta' **€160,000** u s-socjeta rikorrenti qatt ma harget ricevuta fiskali. Spjega illi dawn il-hlasijiet saru permezz ta' sistema ta' *barter* u s-socjeta rikorrenti qatt ma harget ricevuti fiskali biex is-socjeta ntimata tkun tista' taghmel *claims* ghal finijiet tat-taxxa.

**Ikkonsidrat;**

Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi r-rikonoxximent tad-dejn jew parti minnu ssarraf f'rinunzja ghal preskrizzjoni:

> "***La rinunzia tacita alla presrizione onda il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere o ad impugnare l'ammontare dovuta e la espressione come e stata usata dal convenuto dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore o non risconosceva come esatta la somma da costui pretesa.***"[1]

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Benny Camilleri vs Ian Schembri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2002:

> "*Kontro-ezaminat, l-attur jghid dan:-*
>
> ***"Meta kont incempillu kien jghidli li ser jirrangaw". Wiehed logikament jifhem b'dan il-kliem illi l-konvenut kien ser jghaddi ghall-hlas. Ma saret l-ebda disdetta mill-konvenut fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni u li, fil-fehma tal-Qorti, timplika rikonoxximent tad-debitu.***
>
> ***Jinsab difatti espress illi r-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun "anke prezunta u indiretta". (Vol XLIII pII p744) kif ukoll "tant espress kemm tacitu" (Vol XXXIX pI p686; "Lawrence Formosa et nomine –vs- Anthony Borg", Appell, 27 ta' Jannar 1997)***"

[1] Vol. XXVL.I.441.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patrick Staines noe vs Charles Falzon et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2002:

> "***Kif inhu risaput, "Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni" – "Gialanze vs Rizzo" deciza millOnorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998, (ara ukoll "Giullaumier vs Aveta", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Dicembru, 1998, u "Azzopardi vs Cassar" deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998.) Ghalhekk ghalkemm l-Ittra Ufficjali mibghuta lis-socjeta' konvenuta fit-8 ta' Marzu, 1993, baqghet ma gietx notifikata (u, kwindi, ma tistax isservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni), l-agir tassocjeta' konvenuta li tikkontesta biss il-quantum tal-kera li ghandha thallas, iwassal ghal-rinunzja ta' kull preskrizzjoni.***"

Il-Qorti rat illi fil-kaz in dezamina, ghalkemm fir-risposta guramentata taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi l-ebda hlas m'huwa dovut lis-socjeta rikorrenti, fix-xhieda tieghu Paul Falzon ma nnegax illi s-socjeta ntimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti, izda llimita ruhhu sempliciment biex jikkontesta l-ammont dovut. Kif jidher mill-gurisprudenza hawn fuq riportata, din il-kontestazzjoni tal-ammont dovut issarraf f'rinunzja tacita tal-preskrizzjoni, u minn dan isegwi illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta ntimata ma tistghax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta ntimata qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Rigward il-meritu jirrizulta illi s-socjetajiet kontendenti huwa appaltaturi jew sub-appaltaturi, u kellhom sistema ta' negozju bejniethom skont liema kienu jaghmlu xoghol ghal xulxin u jpacu l-ammont dovuti lil xulxin permezz ta' hlasijiet di natura bix-xoghol jew servizz moghti, minflok ta' hlasijiet ta' flus. Gara li, skont is-socjeta rikorrenti, meta irrikonciljat ir-rendikonti tax-xoghol moghti u s-servizzi prestati mis-socjeta kontendenti, irrizultalha li kien hemm bilanc pendenti favur taghha. Ghalkemm is-socjeta intimata inizjalment eccepiet illi l-ebda ammont kien dovut, waqt ix-xhieda tieghu, Paul Falzon ikkontesta l-ammont pretiz, u mhux l-existenza tad-dejn. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddetermina l-ammont o meno lis-socjeta rikorrenti.

Is-socjeta ntimata qed tikkontesta s-segwenti ammonti:

| *Invoice* | *Ammont* | *Raguni skont Paul Falzon* |
|---|---|---|
| Maghtab – 27/02/2007 | €2,428,38 | Ghaliex ma kienx miftiehem li jkun hemm hlas apparti ghal kiri ta' CAT u *wall trimming.* |
| Pembroke – 02/06/2005 | €13,873.20 | Ghaliex is-socjeta rikorrenti ma haditx il-blat lis-socjeta ntimata kif miftiehem, izda minflok bieghtu li xi hadd iehor. |
| Pembroke – 02/08/2006 | €3,899.30 | "*qabad u vvinta prezz"* |
| Zurrieq – 28/08/2007 | €2,093.02 | Ghaliex ma kienx hemm ftehim li |

| | | |
|---|---|---|
| | | jsir hlas apparti ghat-tnehhija tar-rampa. |
| Rabat – 27/11/2007 | €5,112.97 | Ghaliex dak iz-zmien il-barriera kienet mikrija lil Polidano Brothers Limited, u allura din is-socjeta’ kienet responsabbli ghal hlas lis-socjeta rikorrenti. |
| Gharghur – 01/07/2006 | €419.28 | Ghaliex ma kienx hemm ftehim li jsir hlas extra ghal kiri tal-makkinarju |
| **Total** | **€27,826.15** | |

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

> ***“mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-*****in dubio pro reo.** ***Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.”***[2]

2**Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.

Inghad ukoll illi :

> ***"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."*** [3]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

1. ***Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u***
2. ***Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*** [4]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[5]

Il-Qorti rat illi s-socjeta rikorrenti illimitat ruhha biss sabiex tipprezenta kopji ta' fatturi tal-ammonti allegatament dovuti mis-socjeta ntimata, u ghajr spjegazzjoni illi s-socjetajiet kontendenti kellhom *sistema* ta' 'bartering' bejniethom, u li l-ammont dovut irrizulta minhabba li hemm bilanc favur is-socjeta rikorrenti wara li jitnaqqas l-ammont imhallas *di natura,* is-socjeta rikorrenti ma tat l-ebda spjegazzjoni tax-xoghol li wasal biex johorgu l-fatturi prezentanti minnha,

---

3**Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.
4M**aria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.
5**Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti rat illi s-socjeta ntimata tat spjegazzjoni ampja ghall-ammonti li hi mhux qed taqbel maghhom u rat illi meta Falzon rega gie mistoqsi in kontro-ezami sabiex jispjega r-raguni ghal kontestazzjoni tieghu ta' dawn l-ammont, Falzon rega kkonferma pjenament ir-raguni li kien ta waqt li kien qed jixhed in ezami. Minn naha taghha, is-socjeta rikorrenti ma offriet l-ebda alternattiva ghan-narrattiva tas-socjeta ntimata rigward l-ammont kontestati.

Il-Qorti rat partikolarment illi fir-rigward tal-invoice datata 27 ta' Novembru, 2007, relattiva ghax-xoghol fil-barriera tas-socjeta ntimata r-Rabat, id-dokument esebit a Fol 145, il-validita u veracita ta' liema ma giet bl-ebda mod kontestata mis-socjeta rikorrenti, jikkorobora t-tezi tas-socjeta ntimata illi dan l-ammont huwa semmai responsabilita ta' Polidano Brothers Limited, li dak iz-zmien kienet qed tuza l-barriera tas-socjeta ntimata minhabba tender li kellha, skont liema document jirrizulta illi filwaqt li l-*haulier* hija s-socjeta rikorrenti, **il-klijenta hija Polidano Brothers Ltd u mhux is-socjeta ntimata.**

Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm Vincent Borg isostni illi Falzon kien dejjem jirrikonoxxi li kien hemm ammont dovut lis-socjeta rikorrenti, u li kien ser jithallas, meta l-istess xhud irrakkonta zewg episodji meta ltaqa' ma' Falzon u semmielu l-ammont dovut mis-socjeta ntimata qal illi r-reazzjoni ta' Falzon kienet wahda vjolenti, fejn sahansitra darba minnhom kien hariglu revolver u darba ohra kellhom jintervjenu l-Pulizija tar-Rapid Intervention Unit. Il-Qorti ma gietx mgharfa b'ebda rapport tal-Puluzija fuq dawn l-incidenti u taghraf li l-allegat imgieba vjolenti deskritta minnu, ftit li xejn hija konsonanti mal-ammissjoni ta' dejn ukoll deskritta minnu da parti ta' Falzon.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Martin Mifsud et vs Marika Almerigo** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-16 ta' April 2013:

> "*Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12.*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 1953 intqal illi:

> "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat.*"

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz is-socjeta rikorrenti ma issodisfatx l-oneru impost fuqha mill-ligi illi tipprova l-pretensjoni taghha, u dan tant illi lanqas biss forniet lil Qorti bi spegjazzjoni ta' l-ammonti li skontha hi huma dovuti mis-socjeta ntimata, filwaqt li s-socjeta ntimata tat spjegazzjoni kredibbli, u bl-ebda mod kontrasta tar-ragunijiet ghall-kontestazzjoni tal-ammonti pretizi mis-socjeta rikorrenti fuq il-varji fatturi. Il-Qorti tqis biss illi huwa fir-rigward tas-somma dovuta fl-ammont ta' €3,899.30 skont il-fattura datata 2 ta' Awissu 2006 illi l-kontestazzjoni da parti tas-socjeta ntimata fuq l-ammont ma giex spjegat fid-dettal u ghalhekk tqis illi dan l-ammont huwa dovut.

Fir-rigward tal-ammont dovut bhala VAT jirrizulta mhux kontestat illi s-socjeta ntimata ma hallsitx dan l-ammont, u dan ghaliex kienet is-socjeta rikorrenti stess illi ma zieditx il-VAT dovut mal-fatturi taghha. Pero, galadarba l-VAT komputat mis-socjeta rikorrenti huwa komputat fuq il-bilanc allegatament dovut, mentri l-Qorti naqset dan l-ammont, l-ammont dovut bhala VAT ghandu jerga jigi kalkolat.

Jirrizulta illi s-socjeta ntimata diga hallset lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €110,160.22 permezz ta' pagamenti di natura. Ma' din is-somma trid tizdied is-somma ta' €3,899.30 illi l-Qorti ddeterminat aktar il-fuq illi hija dovut. Ghalhekk il-VAT dovut huwa:

(€110,160.22 + €3,899.30) x 18% = **€20,530.71**

**Ikkonsidrat;**

Rigward it-tielet eccezzjoni tas-socjeta ntimata illi l-ammont mhux dovut ukoll ghaliex is-socjeta rikorrenti qatt ma forniet lis-socjeta ntimata ricevuta fiskali, il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata. Ghalkemm huwa minnu li huwa obbligu legali li s-socjeta rikorrenti tforni fatturi u ricevuti fiskali, dan ma jfissirx li dan in-nuqqas iwassal ghall-kancellament ta' kwalunwke debitu dovut.

Il-Qorti pero tqis illi ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi s-socjeta rikorrenti naqset milli tohrog fatturi u ricevuti fiskali bhal ma kien id-dover legali taghha. Fil-fehma tal-Qorti il-konsegwenzi ta' tali nuqqas fuq is-socjeta' intimata ghandha tigi riflessa fil-kap tal-ispejjez u inoltre, l-imghax fuq l-ammont shih dovut ghandu jibda jiddekkorri biss mid-data ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni, u tichad it-tieni eccezzjoni sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza:

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel talba tas-socjeta rikorrenti, u tiddikjara illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta ntimata fl-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€20,530.71);**

2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' ghoxrin elf, hames mija u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€20,530.71), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ghandu jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tas-socjeta rikorrenti, u 15% a karigu tas-socjeta ntimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Maruska Baldacchino**
**Deputat Registratur**